**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 12 ta’ Jannar 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**Vs**

**Stefan Cutajar**

**Kump numru 543/2020**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Stefan Cutajar** detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru **203984M**;

1 U akkuzat talli nhar id-9 t’ Ottubru, 2020 ghall-habta tat-15:30hrs gewwa Triq Guza Duca, Hal Qormi u f’ dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura

ikkometta serq liema serq huma kkwalifikat, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Anna Mary Carmel Aguis u/jew persuni ohra.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Anna Mary Carmel u/jew persuni ohra.

3. U aktar talli nhar il-5 t' Ottubru, 2020 ghal-habta tal-11:30 hrs gewwa l-Qasam Industrijali tal-Marsa u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura ikkometta serq liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeceddi l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Malcom Zammit, Global Tech u/jew persuni ohra.

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Malcom Zammit u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli bejn is-26 u 28 ta' Settembru, 2020 gewwa, Triq Guzeppi Ellul, Hal-Luqa u f' dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura ikkommetta serq liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u

sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tal-Kumpanija Alberta u/jew persuni ohra.

6. U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment tal-Kumpanija Alberta u/jew persuni ohra.

7. U aktar talli fl-4 ta' Gunju, 2020, wara nofsinhar gewwa Triq iz-Zejtun, Hal Tarxien u f' dawn il-gzejjer minn gewwa vettura ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Kevin Spiteri u/jew persuni ohra.

8. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Kevin Spiteri u/jew persuni ohra.

9. U aktar talli nhar is-27 ta' Settembru 2020 ghal habta tat-15:30hrs gewwa Triq Marcell Attard Vagnolo, Hal Qormi u f' dawn il-gzejjer, ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Malone Debono u/jew persuni ohra.

10. U aktar talli nhar l-24 ta' Settembru, 2020 ghal habta tat-15:30 hrs gewwa Triq tal-Gardiel, Marsaskala u f'dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel

delitt u cioe delitt ta' serq agravat minn go vettura, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikunu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu €232.94). Izda li ma jaccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Stephen Aquilina u/jew persuni ohra.

11. U aktar talli bejn il-11 t' Ottubru u it-12 t' Ottubru, 2020 minn gewwa triq Isourd, il-Marsa u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa Vettura ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€232.93) izda ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Vincent Spiteri u/jew persuni ohra.

12. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Vincent Spiteri u/jew persuni ohra.

13. U aktar talli bejn il-11 t' Ottubru 2020 minn gewwa Triq l-Gharghar 1979, Hal Qormi u f' dawn il-gzejjer minn gewwa vettura ikkommetta serq, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jecceddi l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tlettin centezmu €2,329.37 bil-hin bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Rita Bonnici, Goran Milenkoviic u/jew persuni ohra.

14. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara rammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Rita Bonnici, Gordan Milenkovic u/jew persuni ohra.

15. U aktar talli nhar it-13 t' Ottubru 2020 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa Hal Safi u f' dawn il-gzejjer wara li kien ikkundannat f' Malta ghal-serq, kien fil-pussess t' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma' ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu.

16. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta reat waqt li hu taht ordni ta' probation ghall-tlett snin liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D nhar l-4 ta' Lulju, 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

17. Finalment huwa akkuzat talli b' hekk sar recidiv a terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminal b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrtati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda li lehqu gew prodotti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2020 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f'dik l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet tas-sanzjoni idoneja fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, l-Qorti qieset, fost kollox, is-segwenti fatturi u cioe` :

a. Ir-reati serji li ghaliehom l-imputat ammetta;
b. L-ammissjoni bikrija tieghu;
c. Il-kontenut tad-depozizzjoni tal-ufficjal tal-probation Mary Rose Farrugia moghtija fl-udjenza ta` llum stess; u
d. Il-fedina penali voluminuza ta` l-imputat.

Konsegwentement, is-sanzjoni tal-prigunerija effettiva hija dik li timmerita li tigi imposta.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 49, 50, 289, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 287 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, issib lill-imputat Stefan Cutajar, bhala recidiv, hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi (1) sal-(15) u fil-paragrafu (17) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' tlett snin (3) snin prigunerija.**

**Ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu (16), in vista tad-depozizzjoni tal-ufficjal tal-probation, u sabiex il-Qorti tassigura li l-imputat ikompli jibbenefika minn kull ghajnuna li ghandu bzonn biex jirriabilita` ruhu, l-Qorti tordna li l-Ordni originali ta` probation u *treatment order*, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta (Mag. Dr. Joe Mifsud LL.D) nhar l-4 ta` Lulju 2019, tigi riaffermata u li ghandha terga tibda tiddekorri mill-gdid millum ghall-perjodu ta` tlett snin**.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur